# Kuppletta Dehebina

## *L-induratura tal-koppla ta' l-artal tal-Madonna Karità*



*Kan. Dun Dillon Bugeja*

Id-deheb, għall-Kristjani, mhux lussu żejjed għal ftit imma togħma li 'tleqq' tal-preżenza ta' Alla għal ħafna. Kien għalhekk li xprunati mill-moviment liturġiku ekumentiku - li wassal għall-Konċilju Vatikan II - il-knejjes tagħna fil-bidu tas-seklu 20 bdew jinksew bl-għana, bil-ġmiel u d-dawl tad-deheb. Dan l-istess deheb bħalha sinjal ta' majestà ingħata darba b'rigal lill-Verb f'Betleħem u bħalha sinjal ta' ferħ u raffinitezza jiġi mehmuż kuljum man-natura divina ta' Alla.

Dan ir-rigal prezzjuż kompla jingħata din is-sena minn benefattur, billi ħallas għad-deheb biex idawwal il-koppla ta' l-artal tal-Karità, jew kif inhi magħrufa miż-Żwieten minħabba s-sotto-kwadru li hemm, tal-"Qalb ta' Ġesù". Wara li fis-snin l-imgħoddija ġew indurati l-kuppletti ta' San Pawl, San Mikiel u l-Madonna tal-Karmnu, fil-bidu ta' din is-sena, kien imiss li l-indurata is-Sur John Pace, jibda x-xogħol ta' l-induratura fid-deheb ta' l-iskultura ta' l-arkati dan il-kappella. L-iskultura ta' l-arkati f'din in-nava huwa xogħol li kien sar fil-ġebel u fl-istukku (l-arkati fuq il-*Via Sagra*) minn Ġiġi Depasquale.

Imma, f'din in-nava apparti li naraw il-kwadru titulari tal-Verġni Marija flimkien ma' San Filippu Neri, insibu sensiela ta' kwadri - taħt il-kuppletta - b'siltiet mill-ħajja tal-Madonna. Insibu tmienja taħt il-koppla eżatt u erbgħa mal-lunetti ta' l-istess kuppletta, kollha xogħol ta' Toussaints Busuttil.

Kien għalhekk li ġie deċiż li f'dan il-proġett ta' tisbiħ - u bħalma diġa' nistgħu ngawdu fin-navetti l-oħra - jiżdiedu l-iskrizzjonijiet tad-deheb taħt kull kwadru. Dawn it-titli li jiddeskrievu r-rakkont ta' l-istess kwadru inkitbu bil-gwida tal-latinista Prof. Horatio R. Vella.

Fl-erba' lunetti, il-kwadri bl-iskrizzjonijiet huma:
It-*Tlugħ fis-sema ta' Marija Santissima*, u għalhekk l-iskrizzjoni li ntgħażlet hi, **ASSUMPTA EST MARIA** -





*Marija ġiet imtellgħa s-sema.* Frażi li tiġbor il-misteru u s-sollennità tal-ħmistax t'Awwissu, kif ukoll parti mill-antifona li tiġi nnotata fil-lawdi u fl-għasar ta' nhar l-istess sollennità.



It-tieni kwadru hu dak tal-*Madonna ta' Lourdes*, u għaldaqstant il-kitba magħżula hi frażi ċelebri li lissnet Marija Santissima lil Bernadette Soubirous dak il-25 ta' Marzu 1858 ħdejn ix-xmara *Gave de Pau*, jiġifieri, **IMMACULATA CONCEPTIO EGO SUM** - *Jiena l-Immakulata Kunċizzjoni.*

Il-kwadru ta' *Marija Missjunarja*, ispira t-titlu ta', **STELLA EVANGELIZATIONIS** - *Stilla ta' l-evanġelizzazzjoni.* Din il-frażi nsibuha għall-ewwel darba attribwitàlil Marija Santissima, mill-Papa Pawlu VI nhar it-8 ta' Diċembru 1975, huwa hu jagħti lill-poplu Kristjan l-eżortazzjoni appostolika stupenda tiegħu *Evangelii Nuntiandi - Ix-xandir ta' l-Evanġelju.*

L-*Inkurunazzjoni ta' Marija mis-Santissima Trinità*, ir-raba' u l-aħħar kwadru fil-lunetta, ifakkarna fil-ħames misteru tal-glorja. Għalhekk, l-iskrizzjoni taħt il-kwadru tgħid, **REGINA CAELI ET TERRA** - *Reġina tas-sema u l-art.* Titlu paskwali u ekumeniku, imħaddan mill-knejjes kollha Kristjani u li apparti hu magħruf permezz tal-litanija Lauretana ġie mogħti uffiċċjalment lill-Madonna mill-





*ikompli minn paġna 77*

Papa Benedittu XIV, fl-ittra appostolika tiegħu, *Gloriosae Dominae*, nhar is-27 ta' Settembru 1748.

It-tmien kwadri taħt l-kuppletti huma:
It-*Twelid ta' Marija*. Insibu għalhekk taħt il-kwadru t-titlu, **FILIA SION** - *Bint Sijon*. Dan it-titlu jidher 26 darba fl-Antik Testment, b'referenza diretta għal Ġerusalemm, il-benniena fejn jgħammar Alla. Bit-twelid tagħha, Marija tieħu post Ġerusalemm, hi Ġerusalemm u ssir kif jgħid il-Papa Emeritu Benedittu XVI, id-dar abittabli ta' Alla. Hi tgħix b'mod li tkun post għal Alla.

Il-kwadru ta' l-*Annuċjazzjoni* ngħatata t-titlu ta' **MATER VERBI** - *Omm il-Verb*. Din il-frażi ġiet meħuda mill-eżortazzjoni appostolika post-sinodali, *Verbum Domini* - il-Kelma tal-Mulej, tal-Papa Benedittu XVI. Quddiem l-Arkanġlu Gabrijel, Marija tirċievi fiha l-Verb - *il-Kelma mitkellma* - li saret laħam. Dan għaliex kuljum fil-fidi Marija sabet l-kelma ta' Alla u hi kienet l-ikel tagħha (ara Ġer 15:16).

Il-*Viżitazzjoni*, jiġifieri l-laqgħa bejn Marija u kuġintha Eliżabetta, hi esperjenza ta' ferħ. Il-frażi biblika magħżula hi **MAGNIFICAT** - *Tifħir*. Hu l-innu ta' Marija, it-tifħir tal-ferħ li ġarbet dakinhar quddiem il-kobor ta' Alla u li tkompli twettaq dan il-ferħ kuljum fil-Knisja fil-*magnificat*, l-aktar reċitata u kantata fil-Kristjanità waqt il-Liturġija tas-Sigħat preċiżament fil-Kantiku ta' filgħaxija.










Il-misteru ta' l-*Inkarnazzjoni*, it-twelid ta' Kristu, hu x-xena tar-raba' kwadru f'din il-kullana. Taħt l-art, Marija tidher għad-dinja bħalha **MATER DEI** - *Omm Alla*. Imma kellhom jgħaddi aktar minn 400 sena, jiġifieri fis-sena 431 waqt il-Konċilju ta' Efesu, biex tkun ukoll uffiċċjalment għall-Knisja Universali, *Theotokos*. It-teologu Hans Urs von Balthasar jgħid li meta tarbija tiftaħ għajnejha għall-ewwel darba ssib għajnejn ommha mitlufin warajha. Fil-mument meta għajnejn Alla nfetħu għad-dinja sabu wkoll l-għajnejn ta' Omm li minn dak il-ħin kellha d-dinja u l-ġenna bih.







**DOMUS AUREA** - *Dar tad-Deheb*, hi l-iskrizzjoni - meħuda wkoll mil-litanija tar-Rużarju - taħt l-immaġni tal-*Preżentazzjoni fit-Tempju*. Fl-iskrittura, kull ir-ruħ hi d-dar ta' Alla. Imma ta' Marija hi tad-deheb, minħabba l-ġmiel, il-valur u r-reżiljenza tagħha. Marija, kif jgħid il-Beatu John Henry Newman, hi aktar dehebina mid-*domus aurea* li bena Neruni, hi miksija bid-deheb aktar mit-Tempju nnifsu għax hi perfetta fil-grazzji, fil-virtuijiet, fil-purità. Hi dar, il-palazz, tar-Re il-kbir, Alla nnifsu.


**Raymond Caruana**

*(Furtu) Funeral Service*



For all kind of Funeral needs
at the best quality service and reasonable prices

Tel: 2169 4284 - Mob: 7969 4284 Email: nicray@maltanet.net

*ikompli minn paġna 79*



Fix-xena tal-Ħarba *lejn l-Eġittu*, insibu t-titlu nnovattiv **BONA TERRA** - *Art Tajba*. Dan, frott l-intiwizzjoni tal-Papa Franġisku, fl-*Anġelus* tal-Ħadd, 13 ta' Lulju 2014. Marija, bħall-Eġittu, hi art tajba għax laqgħet, ikkultivat, ħarset bil-kura kollha ż-żerriegħa, li saret siġra mimlija frott, jiġifieri Kristu.

Fl-ewwel mis-sinjali li għamel Ġesù fit-*Tieġ ta' Kana* l-protagonist huwa l-inbid. Għaldaqstant, taħt r-rappreżentazzjoni hemm il-kitba bil-latin: **NOVUM VINUM** - *Inbid* Ġdid. B'ispirazzjoni mill-omelija li għamel il-Papa Franġisku fil-ġurnata mondjali taż-żgħażagħ ġewwa l-Bażilika tal-Madonna ta' Aparecida, f'Rio de Janiero, niskopru kemm tassew li viċin Marija nwarrbu l-ilma kiesaħ tad-dnub u ninbidlu magħha fl-inbid ġdid tal-ferħ, tat-tama, tal-ħbiberija miegħu.

L-aħħar kwadru mis-sett ta' tmienja taħt din il-kuppletta hu dak li jġib l-isem ta' **MATRI ECCLESIAE** - *Omm il-Knisja.* Propju fil-mument li d-dixxiplu l-maħbub, minn taħt is-salib







jeħodha għandu, titwieled il-Knisja. Titlu uffiċċjalment mogħti lilha matul il-Konċilju Vatikan II mill-Papa Pawlu VI. Titlu użat fir-raba' seklu minn Sant'Ambroġ u miskopri mill-ġdid mit-teologu Hugo Rahner. Għax minn dakinhar tmur għandu, ma tibqax persuna iżolata, li tistrieħ fuqha nnifisha. Hi minn dakinhar ġġorr lilna kollha, il-misteru tal-Knisja.



Matul il-jiem tal-festi, tajjeb imorru sal-kappella tal-Madonna tal-Karità biex inħarsu 'l fuq ħalli nammiraw il-kuppletta bid-dawl radjanti tad-deheb, proprju 'ġnien qabel il-ġenna'. Imma ħares 'l fuq, għax kull koppla hi simbolu kożmiku, tirrappreżenta u tfakkrek fil-ġenna, l-akbar opra ta' karità li Alla ċelesti għamel magħna.


